Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 183/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Joseph u Lisa konjugi Bugeja**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ mitejn u disa’ liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm209.93c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21421189 installat fil-fond Plot 5, Flat 1, Triq Dun Karm Fenech, Gharghur.

Illi l-konvenuti nterpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-11 ta' Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------